IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.11.2021
COM(2021) 674 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi Postali (id-Direttiva 97/67/KE kif emendata bid-Direttivi 2002/39/KE u 2008/6/KE)

{SEC(2021) 388 final} - {SWD(2021) 309 final} - {SWD(2021) 310 final}

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi Postali (id-Direttiva 97/67/KE kif emendata bid-Direttivi 2002/39/KE u 2008/6/KE)

I. INTRODUZZJONI

Is-settur tas-servizzi postali tal-UE (il-posta tal-ittri u l-pakketti) huwa fattur abilitanti ewlieni tal-ekonomija u tal-kummerċ, li jirfed setturi oħrajn u jikkontribwixxi għat-tkabbir u r-reżiljenza tal-ekonomija tal-UE. Kumpaniji ta' kull daqs jużaw is-servizzi postali biex jibnu n-negozju tagħhom, jikkunsinnaw l-oġġetti u jirċievu l-pagamenti. Il-livelli kollha tal-gvern u tal-amministrazzjonijiet pubbliċi jibbażaw fuq is-servizzi postali għall-komunikazzjonijiet pubbliċi. L-utenti vulnerabbli u ċ-ċittadini f'żoni remoti rurali jeħtieġu s-servizzi postali biex jibqgħu konnessi ma' ekonomija dejjem aktar diġitalizzata. Għalhekk, is-settur tas-servizzi postali għandu rwol essenzjali fl-iżgurar tad-dritt għall-komunikazzjoni u fil-promozzjoni tal-koeżjoni territorjali, soċjali u ekonomika. B'ħafna ċittadini tal-UE msakkrin fi djarhom matul il-pandemija tal-COVID-19, is-servizzi postali wrew li huma aktar importanti minn qatt qabel. Huma pprovdew servizzi postali bi prezzijiet raġonevoli u ta' kwalità, ikkunsinnaw prodotti għal skopijiet mediċi u offrew servizzi rilevanti oħra bħal servizzi finanzjarji liċ-ċittadini.

Il-qafas regolatorju li jirregola s-servizzi postali ilu fis-seħħ għal aktar minn 20 sena. Id-Direttiva 97/67/KE[1] (id-"Direttiva dwar is-Servizzi Postali") daħlet fis-seħħ fl-1997. L-għan tagħha kien li tiżgura l-armonizzazzjoni tal-obbligi nazzjonali ta' servizz universali filwaqt li fl-istess ħin tintroduċi gradwalment il-kompetizzjoni fis-settur tas-servizzi postali, b'mod partikolari fir-rigward tas-servizzi tal-posta tal-ittri li tradizzjonalment kienu riżervati għall-operaturi postali nazzjonali stabbiliti. Ġiet emendata fl-2002 biex jiġi previst il-ftuħ akbar tas-suq, u għal darba oħra fl-2008 biex jintemm il-ftuħ sħiħ tas-suq. Bl-eċċezzjoni ta' dawn iż-żewġ emendi u r-Regolament dwar servizzi tal-konsenja tal-pakketti transkonfini[2] adottat fl-2018 biex jipprovdi aktar trasparenza u sorveljanza regolatorja fir-rigward tas-servizzi tal-kunsinna tal-pakketti, il-qafas tas-servizzi postali fil-livell tal-UE baqa' l-istess mill-1997 'l hawn. Madankollu, matul dan il-perjodu, is-swieq tas-servizzi postali għaddew minn bidla maġġuri kkawżata l-aktar mill-innovazzjoni teknoloġika, id-diġitalizzazzjoni u l-kummerċ elettroniku. Il-posta tal-ittri qed tiġi sostitwita dejjem aktar bil-komunikazzjoni elettronika, speċjalment fil-kuntest tal-gvern elettroniku. Barra minn hekk, ħafna spedituri tradizzjonali ta' volumi kbar (eż. il-banek; il-kumpaniji tal-utilitajiet) qalbu għal soluzzjonijiet ta' komunikazzjoni elettronika wara l-kriżi finanzjarja. Fl-istess ħin, il-kummerċ elettroniku wassal għal żieda sinifikanti fis-servizzi tal-kunsinna tal-pakketti. Din it-

[1] Id-Direttiva 97/67/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 1997 dwar regoli komuni għall-iżvilupp tas-suq intern tas-servizzi postali tal-Komunità u t-titjib fil-kwalità tas-servizz, kif emendata mid-Direttiva 2002/39/KE u 2008/6/KE, ĠU L 15, 21.1.1998, paġni 14 sa 25.

[2] Ir-Regolament (UE) 2018/644 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' April 2018 dwar servizzi tal-konsenja tal-pakketti transkonfini, ĠU L 112, 2.5.2018, paġni 19 sa 28.

trasformazzjoni, li qed issir dejjem aktar evidenti matul il-pandemija tal-COVID-19, affettwat kemm id-domanda kif ukoll il-provvista fl-Istati Membri kollha, għalkemm b'mod differenti.

Immotivata mill-bidliet fundamentali fil-kuntest tas-suq, il-Kummissjoni wettqet evalwazzjoni *ex post* biex tivvaluta jekk id-Direttiva dwar is-Servizzi Postali laħqitx l-objettivi tagħha, għadhiex adattata għall-iskop tagħha u taqbilx mal-ħtiġijiet preżenti u futuri tal-utenti u tal-operaturi postali.

Dan ir-Rapport, abbozzat skont l-Artikolu 23 tad-Direttiva dwar is-Servizzi Postali, jippreżenta s-sejbiet ewlenin tal-evalwazzjoni. Huwa jibbaża fuq informazzjoni mid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar l-evalwazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi Postali ("Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni"),[3] li għandu jinqara flimkien ma' dan ir-Rapport, kif ukoll mill-konsultazzjoni pubblika miftuħa tal-Kummissjoni dwar l-evalwazzjoni tad-Direttiva.

Il-konklużjoni ewlenija tar-Rapport huwa li ż-żamma ta' xi forma ta' servizz postali universali għaċ-ċittadini kollha tal-UE hija ġġustifikata, għalkemm b'livell xieraq ta' flessibbiltà għall-Istati Membri biex ifasslu politiki postali fil-livell nazzjonali. Fl-istess ħin, abbażi tal-evidenza disponibbli[4], l-evalwazzjoni identifikat kwistjonijiet li ma humiex riflessi biżżejjed fid-Direttiva attwali dwar is-Servizzi Postali jew fejn id-Direttiva ma tkunx tat ir-riżultati mistennija: (i) il-benefiċċji tas-servizzi postali universali għas-soċjetà qed jonqsu filwaqt li l-forniment ta' servizz universali qed isir dejjem aktar għali; (ii) il-kisba ta' suq intern u l-istimolu ta' kompetizzjoni effettiva fis-segment tal-posta tal-ittri ma seħħewx fil-kamp ta' applikazzjoni previst; u (iii) l-istandards ma jintużawx biżżejjed; dan inaqqas iċ-ċertezza legali u jista' jwassal għal kwistjonijiet ta' interoperabbiltà. Barra minn hekk, filwaqt li l-enfasi tal-intervent regolatorju tradizzjonalment kienet fuq is-servizzi tal-posta tal-ittri, id-diġitalizzazzjoni tas-soċjetà u t-tkabbir tal-kummerċ elettroniku għamlu lis-servizzi tal-kunsinna tal-pakketti dejjem aktar il-punt ta' attenzjoni tal-operaturi tas-suq u ta' dawk li jfasslu l-politika. F'dan il-kuntest, id-differenzi kbar fil-prezzijiet bejn it-tariffi għall-kunsinni tal-pakketti domestiċi u dawk transfruntiera jistħoqqilhom attenzjoni partikolari, peress li jistgħu jimminaw il-funzjonament tas-suq intern u l-użu tal-kummerċ elettroniku transfruntier.

---

[3] Ara d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni *Evalwazzjoni tad-Direttiva 97/67/KE dwar regoli komuni għall-iżvilupp tas-suq intern tas-servizzi postali tal-Komunità u t-titjib fil-kwalità tas-servizz emendata bid-Direttivi 2002/39/KE u 2008/6/KE*.

[4] Il-konsultazzjonijiet tal-Kummissjoni u stħarriġ ieħor kienu bbażati fuq għadd limitat ta' tweġibiet. Dan huwa partikolarment il-każ għall-konsultazzjoni pubblika. Għalhekk, il-livell ta' kwantifikazzjoni fl-analiżi huwa ristrett mid-disponibbiltà ta' *data* rilevanti fil-livell tal-UE. Dan jaffettwa b'mod speċjali t-taqsima tal-effiċjenza u l-istabbiliment ta' rabta ta' kawżalità bejn l-iżviluppi tas-suq u d-Direttiva. Dan jaffettwa wkoll ir-robustezza ta' whud mill-konklużjonijiet li waslet għalihom l-analiżi speċjalment fir-rigward tal-ħtiġijiet tal-utenti u s-sodisfazzjon tal-utenti li għalihom l-evidenza hija essenzjalment ibbażata fuq stħarriġ nazzjonali iżda xi drabi tibqa' dgħajfa fil-livell tal-UE.

II. ŻVILUPPI TAS-SUQ: TRASFORMAZZJONI MAĠĠURI MMOTIVATA MID-DIĠITALIZZAZZJONI U MILL-INNOVAZZJONI TEKNOLOĠIKA

Id-diġitalizzazzjoni u l-iżviluppi teknoloġiċi ttrasformaw il-ħtiġijiet tal-konsumaturi u tan-negozju, u dan wassal għall-ħolqien ta' prodotti, servizzi u mudelli tan-negozju ġodda. Is-settur postali ma huwiex eċċezzjoni. Mill-kriżi finanzjarja tal-2008 'l hawn, kien hemm tnaqqis kbir fil-posta tal-ittri peress li s-sostituzzjoni elettronika tas-servizzi tal-posta tradizzjonali qed taċċelera minħabba li l-gvernijiet, in-negozji u l-konsumaturi qegħdin jadottaw dejjem aktar proċessi elettroniċi f'diversi oqsma. Matul il-pandemija tal-COVID-19, ħames fornituri ewlenin tas-servizzi universali fl-UE[5] rrapportaw tnaqqis fil-volumi tal-posta tal-ittri, li jvarja minn -10 fil-mija fin-Netherlands għal -18 fil-mija fi Franza.

B'kuntrast għal dan, it-tkabbir fis-servizzi tal-kunsinna tal-pakketti aċċelera minħabba ż-żieda sinifikanti fil-kummerċ elettroniku. Qabel il-pandemija tal-COVID-19, kien previst li l-bejgħ online globali bejn wieħed u ieħor kien se jirdoppja bejn l-2019 u l-2024; ix-xejriet attwali jissuġġerixxu li l-pandemija se tmexxi din l-iskeda ta' żmien 'il quddiem. Fl-2020, it-tkabbir fil-volum ta' pakketti fornuti minn fornituri ta' servizz universali varja minn 14 fil-mija fid-Danimarka u fl-Iżvezja, għal 42 fil-mija fl-Italja u 49 fil-mija fil-Belġju. L-operaturi globali espressi l-kbar irreġistraw tkabbir fil-volumi ta' pakketti ta' sa 23 fil-mija.

Iż-żewġ xejriet kuntrastanti ħafna tal-posta tal-ittri u tal-posta tal-pakketti x'aktarx li se jkomplu u se jintensifikaw matul is-snin li ġejjin. Jekk dan ikun il-każ, meta mqabbel mal-2016, is-segment tal-posta bl-ittri tal-UE se jispiċċa jitlef aktar minn 12 fil-mija tad-dħul u 32 fil-mija fil-volum sal-2025. Id-dħul fis-segment tal-pakketti tal-UE se jiżdied b'aktar mid-doppju[6].

Minħabba li l-mudell tan-negozju postali jiddependi minn ekonomiji ta' skala, it-tnaqqis fil-volumi tal-posta tal-ittri (-4,9 fil-mija bħala medja kull sena mill-2008 'l hawn) iżid l-ispiża tal-kunsinna għal kull unità. Sabiex jiġu paċuti ż-żidiet fil-kostijiet, ħafna operaturi postali madwar l-UE qed jinnovaw il-mudelli kummerċjali tagħhom. Il-fornituri tas-servizzi universali bin-networks stabbiliti tagħhom u bi struttura għolja ta' kostijiet fissi fittxew modi kif iżidu l-effiċjenza, itejbu s-soluzzjonijiet orjentati lejn il-konsumaturi, jiddiversifikaw is-servizzi tagħhom u jsibu swieq ġodda biex jikbru. Iż-żieda fil-kummerċ elettroniku tathom il-possibbiltà li jikbru fid-distribuzzjoni tal-pakketti u ħafna fornituri tas-servizzi universali issa qegħdin jikkompetu bil-kbir ma' operaturi oħra tal-kunsinna tal-pakketti. Bi ftit eċċezzjonijiet biss[7], is-sehem mis-suq tal-fornituri tas-servizz universali fis-segment tal-pakketti madankollu għadu relattivament żgħir meta mqabbel mal-posta tal-ittri fejn dejjem kellhom (u għad għandhom) ishma mis-suq sinifikanti ħafna jew saħansitra huma l-uniku operatur tas-suq rilevanti.

[5] Il-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Italja, in-Netherlands u l-Iżvezja. PostNord topera fid-Danimarka u fl-Iżvezja.

[6] Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni *Evalwazzjoni tad-Direttiva 97/67/KE*, p. 15.

[7] Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni *Evalwazzjoni tad-Direttiva 97/67/KE*, pp. 15 u 134.

Il-profittabbiltà tal-fornituri tas-servizzi universali nżammet billi tnaqqsu l-kostijiet (prinċipalment tax-xogħol), billi żdiedet il-produttività permezz tal-innovazzjoni teknoloġika (pereżempju sistemi awtomatizzati ta' għażla), billi wieħed jibbaża fuq l-offerta ta' prodotti u servizzi aktar bażiċi u/jew billi żdiedu l-prezzijiet. Il-prezzijiet għall-posta tal-ittri domestika taħt servizz universali żdiedu b'mod kostanti f'termini nominali mill-2008 'l hawn. Il-prezz tal-aktar prodott tal-ittri użat b'mod komuni, ittra domestika b'folja waħda li tiżen 20 gramma, żdied b'7 fil-mija fis-sena f'termini nominali. Għall-kunsinni ta' pakketti li jaqgħu taħt is-servizz universali, kien hemm żieda moderata fil-prezz matul l-istess perjodu, minkejja ż-żieda fil-volumi. Bejn l-2014 u l-2019, il-prezzijiet domestiċi għal pakkett standard ta' 2 kilogrammi żdiedu b'medja ta' 1 fil-mija fis-sena, u l-prezz nominali tal-irħas destinazzjoni transfruntiera u dik l-aktar għalja żdied bi 2,6 fil-mija u b'0,3 fil-mija rispettivament.

Is-settur huwa fost l-akbar impjegaturi korporattivi domestiċi u pprovda liċ-ċittadini madwar l-UE b'madwar 1,5 miljun impjieg fl-2018[8]. Kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat, kien hemm żieda fl-impjiegi aktar flessibbli, inkluża l-esternalizzazzjoni, li issa qed tintuża mill-maġġoranza tal-fornituri ta' servizz universali.

Filwaqt li huwa diffiċli li tiġi identifikata r-relazzjoni kawżali diretta bejn l-iżviluppi fis-suq u d-Direttiva dwar is-Servizzi Postali, huwa importanti li wieħed jifhem il-kuntest li fih kien applikabbli l-qafas regolatorju u li wieħed iqis is-sejbiet li ġejjin tal-evalwazzjoni tal-Kummissjoni mill-perspettiva tal-ħtiġijiet mibdula tal-utenti.

III. IL-PASSAT U L-PREŻENT: IS-SEJBIET TAL-EVALWAZZJONI TAD-Direttiva dwar IS-SERVIZZI POSTALI

Id-Direttiva dwar is-Servizzi Postali għandha tliet objettivi prinċipali: (1) li tiggarantixxi l-forniment ta' servizz postali universali bi prezz raġonevoli u ta' kwalità għolja lill-utenti kollha; (2) li tistabbilixxi suq intern kompetittiv u li jiffunzjona tajjeb għas-servizzi postali; u (3) li tistabbilixxi prinċipji ta' armonizzazzjoni għar-regolamentazzjoni tas-servizzi postali. Is-sejbiet tal-evalwazzjoni jistgħu jinġabru flimkien taħt l-intestatura ta' kull objettiv.

1. Sejbiet relatati mal-forniment ta' servizz postali universali bi prezz raġonevoli u ta' kwalità għolja lill-utenti kollha

Minkejja li l-kuntest tas-suq inbidel, id-Direttiva dwar is-Servizzi Postali rnexxiet bil-kbir fl-iżgurar li ċ-ċittadini u n-negozji madwar l-UE jkunu jistgħu jibbenefikaw minn servizzi postali bażiċi. Huwa ċar li l-obbligu ta' servizz universali pproteġa mezz fundamentali ta' komunikazzjoni u parteċipazzjoni ekonomika madwar l-UE. Parti mdaqqsa tal-popolazzjoni madwar l-UE, speċjalment dawk li jgħixu f'reġjuni remoti jew rurali, għadha tibbaża fuq is-servizzi postali universali biex jibqgħu konnessi u x'aktarx li se jkomplu jagħmlu dan għall-ħames sa għaxar snin

[8] Eurostat (2021), statistika annwali dettaljata dwar l-intrapriżi għas-servizzi, kif ikkwotata fid-*Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni Evalwazzjoni tad-Direttiva 97/67/KE*, p. 1.

li ġejjin. Bosta negozji u istituzzjonijiet tal-gvern għadhom jużaw il-posta tal-ittri għall-komunikazzjoni. Barra minn hekk, peress li l-penetrazzjoni tal-internet għadha ma hijiex kompluta u lanqas ma hi uniformi madwar l-UE, xi ċittadini għadhom kompletament dipendenti mill-posta tal-ittri. Il-miżuri fiżiċi ta' tbegħid fiżiku u ta' konfinament matul il-pandemija tal-COVID-19 urew li s-servizzi postali kellhom rwol vitali biex jiżguraw li ittri u pakketti jaslu fid-djar u fin-negozji madwar il-pajjiż.

Għalhekk, iż-żamma ta' livell minimu ta' servizz postali universali bi prezz raġonevoli għall-posta tal-ittri għadha ġġustifikata. Madankollu, ċerti partijiet tad-Direttiva dwar is-Servizzi Postali huma inqas adatti biex jindirizzaw il-bidliet relatati mal-kuntest tas-suq u l-ħtiġijiet tal-utenti, li tfisser li xi kostijiet relatati mal-forniment tas-servizz universali jiżdiedu filwaqt li l-benefiċċji usa' għas-soċjetà jonqsu, u jistgħu jkunu meħtieġa xi aġġustamenti. Il-maġġoranza ta' dawk li wieġbu l-konsultazzjoni pubblika miftuħa tal-Kummissjoni jappoġġaw ukoll dik il-konklużjoni.

Iffaċċjati mill-kostijiet akbar tal-forniment ta' servizz universali, l-Istati Membri adattaw is-servizz universali

Il-ħtiġijiet tal-utenti postali u tan-negozji nbidlu b'reazzjoni għall-iżviluppi fis-suq u t-tnaqqis fid-domanda għall-posta tal-ittri żiedet il-kostijiet tal-forniment ta' servizz universali. Sabiex jiġu indirizzati dawn il-fenomeni u jinstabu modi ta' tħaddim li jiswew inqas, 11-il Stat Membru bbażaw fuq derogi permessi mid-Direttiva dwar is-Servizzi Postali biex inaqqsu l-karatteristiċi u l-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligu ta' servizz universali. Il-frekwenza minima tal-kunsinna ta' oġġetti postali kultant tnaqqset. L-Istati Membri naqqsu wkoll il-prodotti u s-servizzi rilevanti tal-posta tal-ittri u tal-pakketti soġġetti għal servizz universali. B'mod importanti, ħafna Stati Membri naqqsu x-xiftijiet ta' billejl u introduċew it-trasport fuq l-art minflok it-titjiriet, li min-naħa tagħhom wasslu għal kwalità aktar baxxa tas-servizz (ħin ta' tranżitu itwal). Għalhekk, il-benefiċċji tal-kwalità tar-rekwiżiti tas-servizzi qed jonqsu wkoll. Dawn l-iżviluppi jissuġġerixxu li r-rekwiżiti minimi rigward il-kamp ta' applikazzjoni tal-prodott/tas-servizz, il-kunsinna fi żmien ħamest ijiem u l-kwalità tas-servizz fid-Direttiva ma humiex allinjati bis-sħiħ mal-aspettattivi u d-domanda attwali tas-suq u joħolqu sfidi għall-fornituri maħtura. Għalhekk, l-evalwazzjoni tissottolinja li jista' jkun hemm każ xi jsir favur il-valutazzjoni mill-ġdid ta' liema prodotti, servizzi u karatteristiċi relatati jridu jiġu inklużi fl-obbligu ta' servizz universali u kif jenħtieġ li jiġu regolati. Din tinkludi l-valutazzjoni mill-ġdid tal-livell ta' flessibbiltà meħtieġ mill-Istati Membri biex jadattaw ir-regolamentazzjoni nazzjonali tagħhom tas-servizzi universali għaċ-ċirkostanzi domestiċi.

L-istat tas-servizzi tal-kunsinna tal-pakketti jqajjem mistoqsijiet dwar sa liema punt is-servizzi tal-kunsinna tal-pakketti jenħtieġ li jkunu parti mill-obbligu ta' servizz universali

Il-preżenza ta' diversi operaturi u għażliet ta' kunsinna disponibbli fis-suq tal-kunsinna tal-pakketti tqajjem mistoqsijiet dwar il-ħtieġa li jkun hemm kunsinna tal-pakketti fil-kamp ta' applikazzjoni tas-servizz universali u jekk l-utenti postali jistgħux jiġu nnotifikati bl-istess mod bl-istess prezz (jew bi prezz aktar baxx) mingħajr obbligu ta' servizz universali. Fil-fatt, għall-pakketti minn

negozju għal negozju u minn negozju għall-konsumatur, l-eżistenza ta' offerti alternattivi disponibbli għall-utenti bi prezzijiet ekwivalenti jew aktar baxxi minn dawk offruti mill-forniturі tas-servizz universali tista' titkellem favur il-konklużjoni li tali pakketti jenħtieġ li ma jkunux parti mis-servizz universali. Fil-fatt, ħafna Stati Membri diġà jeskludu tali pakketti mill-kamp ta' applikazzjoni tas-servizz universali. Madankollu, dan ma jeskludix il-ħtieġa li tiġi mmonitorjata d-dinamika ta' dawn is-segmenti tas-suq.

Min-naħa l-oħra, l-evalwazzjoni tenfasizza li għall-pakketti mibgħuta mill-konsumatur, f'xi Stati Membri, jew f'partijiet mill-Istati Membri, il-konsumaturi individwali jista' ma jkollhomx ħafna għażla fl-operaturi tal-kunsinna tal-pakketti li jipprovdu servizzi fiż-żona tagħhom jew jistgħu sempliċiment ma jkunux konxji mill-varjetà ta' operaturi disponibbli. Għalhekk, jibbażaw fuq il-fornitur tas-servizz universali għall-kunsinna tal-pakketti. Dan jista' jikkonċerna b'mod speċjali lill-utenti vulnerabbli f'żoni rurali u remoti. Xi konsumaturi jibbażaw ukoll fuq il-fornitur tas-servizz universali minħabba l-konvenjenza, peress li huwa l-aktar għażla familjari u għalhekk, l-għażla l-aktar faċli u aċċessibbli disponibbli biex jintbagħtu u jiġu rritornati l-oġġetti. Għal dawn il-konsumaturi, l-evalwazzjoni tindika li jista' jkun iġġustifikat li tal-anqas il-konsumatur jibgħat pakketti fi ħdan l-obbligu tas-servizz universali. Is-servizz universali żamm ukoll il-prezzijiet f'livell raġonevoli fil-biċċa l-kbira tagħhom (ħlief f'għadd limitat ta' każijiet għal ċerti kunsinni transfruntiera speċifiċi ta' pakketti li għalihom it-tariffi kienu għoljin b'mod mhux raġonevoli[9]), peress li l-pakketti fl-obbligu ta' servizz universali bbenefikaw minn eżenzjoni mill-VAT u kienu soġġetti għal kontroll tal-prezzijiet skont ir-regoli tariffarji tad-Direttiva dwar is-Servizzi Postali.

Il-prinċipji tariffarji tad-Direttiva dwar is-Servizzi Postali għenu biex il-prezz għas-servizzi universali jinżamm raġonevoli minkejja ż-żidiet fil-prezzijiet. Nuqqas ta' trasparenza fir-rigward tal-użu ta' dawn il-prinċipji jista' joħloq kwistjonijiet ta' kundizzjonijiet mhux ekwivalenti fi tranżazzjonijiet transfruntiera bejn il-forniturі ta' servizz universali

Il-prinċipji tariffarji stabbiliti fid-Direttiva dwar is-Servizzi Postali għandhom l-għan li jiżguraw li l-prezz għas-servizzi universali jibqa' orjentat lejn il-kostijiet u affordabbli. Minkejja li l-prezzijiet tas-servizz universali kemm għall-kunsinna tal-posta tal-ittri kif ukoll għall-kunsinna tal-pakketti żdiedu, il-prinċipji tariffarji użati għar-regolamentazzjoni tal-prezzijiet x'aktarx li kkontribwew biex jiġu evitati żidiet saħansitra akbar fil-prezzijiet, b'mod partikolari fis-segmenti fejn il-volumi naqsu u l-kostijiet unitarji żdiedu, bħall-posta tal-ittri. Min-naħa l-oħra, l-informazzjoni u l-evidenza miġbura ma jippermettux lill-Kummissjoni tikkonkludi f'dan il-punt għaliex, minkejja ż-żieda fil-volumi, it-tariffi għall-kunsinna tal-pakketti qed jiżdiedu, anki marġinalment.

L-Istati Membri japplikaw u jinterpretaw dawn il-prinċipji b'mod differenti ħafna, jew kultant ma japplikawhomx kollha kemm huma. Dan jista' jnaqqas iċ-ċarezza, iċ-ċertezza legali u t-trasparenza dwar l-użu ta' dawn il-prinċipji. Barra minn hekk, il-biċċa l-kbira tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, jekk mhux kollha, ma għandhomx ukoll l-għodod meħtieġa biex jivverifikaw jekk, u

[9] Ara r-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali dwar l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/644 dwar servizzi tal-konsenja tal-pakketti transkonfini, COM(2021) 675.

kif, il-forniturі ta' servizzi universali japplikaw dawk il-prinċipji tariffarji għall-prezz li jitolbu lil xulxin għall-kunsinna ta' oġġetti postali transfruntiera (l-hekk imsejħa "tariffi terminali"). Dan jista' jkollu effetti negattivi fuq is-suq postali u fuq is-settur tal-kummerċ elettroniku. Hekk kif il-volumi tal-kunsinni transfruntiera tal-kummerċ elettroniku jkomplu jiżdiedu, il-ħtieġa ta' informazzjoni u trasparenza dwar it-tariffi għall-kunsinna tal-pakketti tista' ssir dejjem aktar rilevanti.

L-indirizzar tal-ilmenti għadu lura

Il-Grupp ta' Regolaturi Ewropej għas-Servizzi tal-Posta fassal ukoll indikatur tal-kwalità bbażat fuq il-pubblikazzjoni tal-għadd ta' lmenti riċevuti u l-għadd ta' lmenti solvuti/mhux solvuti għall-ittri u l-pakketti.

L-indirizzar tal-ilmenti mill-forniturі ta' servizz universali tjieb f'dawn l-aħħar snin. Il-biċċa l-kbira tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali issa huma kompetenti biex jindirizzaw l-ilmenti. Il-maġġoranza tal-Istati Membri jirrikjedu lill-forniturі jippubblikaw informazzjoni dwar il-proċeduri tal-ilmenti, l-iskemi ta' kumpens u s-soluzzjoni tat-tilwim. L-ERGP żviluppa wkoll indikatur tal-kwalità bbażat fuq il-pubblikazzjoni tal-għadd ta' lmenti riċevuti u l-għadd ta' lmenti solvuti/mhux solvuti (għall-ittri u l-pakketti). Dan juri li għad hemm għadd ta' Stati Membri li la jżommu rendikont tal-għadd ta' lmenti u kif ġew indirizzati, u lanqas ma jippubblikaw l-eżitu tal-proċedura tal-ilment (jiġifieri, jekk ikunx ġie solvut għas-sodisfazzjon tal-ilmentatur jew le). Barra minn hekk, madwar nofs l-Istati Membri biss japplikaw l-istandard tekniku obbligatorju dwar l-indirizzar tal-ilmenti, li barra minn hekk ma huwiex obbligatorju għall-kunsinna tal-pakketti. Dan ma jippromwovix il-fiduċja tal-konsumaturi fis-servizzi postali.

L-għażliet għall-finanzjament tas-servizz universali mhux dejjem ikunu effiċjenti

Il-forniment ta' servizzi universali jinvolvi kost nett. Il-kost nett tal-obbligu ta' servizz universali jirrappreżenta d-differenza bejn il-kost għal fornitur innominat ta' servizz universali biex jopera bl-obbligu ta' servizz universali u l-kost għall-istess fornitur ta' servizz postali biex jopera mingħajr l-obbligu ta' servizz universali. Il-kost nett tal-forniment ta' servizz universali jista' jkun sostanzjali. Li kieku l-fornitur tas-servizz universali kellu jġarrab dawn il-kostijiet waħdu, dan ipoġġi lil dak il-fornitur f'pożizzjoni żvantaġġata fir-rigward tal-kompetituri tiegħu. Għalhekk, l-Istati Membri jistgħu jikkumpensaw lill-fornitur tas-servizz universali għall-kost nett permezz tal-għajnuna mill-Istat. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu wkoll l-hekk imsejħa fondi ta' kumpens biex jiffinanzjaw il-kostijiet netti. Tali fondi joperaw b'mod li l-forniturі tas-servizz universali u forniturі ewlenin oħrajn tas-servizzi postali fi Stat Membru partikolari jridu jikkontribwixxu għall-finanzjament tal-kost nett jekk dan jikkostitwixxi piż inġust għall-fornitur tas-servizz universali.

Hemm dgħufijiet fir-rigward ta' kif joperaw il-fondi ta' kumpens. Il-kontribuzzjoni tal-forniturі għall-fond spiss ma tkunx biżżejjed biex tkopri l-kost kollu, speċjalment peress li l-kost qed jikber f'suq tal-posta tal-ittri li qed jiċkien u l-forniturі ta' servizz universali għandhom pożizzjoni b'saħħitha. F'dawn is-sitwazzjonijiet, il-finanzjament tal-għajnuna mill-Istat huwa meħtieġ ukoll biex jiġu ffinanzjati l-kostijiet. Jidher ukoll li l-kostijiet amministrattivi tal-mekkaniżmu ta'

kondiviżjoni huma relattivament għoljin b'mod proporzjonali mat-tariffi tal-kontribuzzjoni. Barra minn hekk, il-kondiviżjoni tal-piż fost l-operaturi postali tistabbilixxi inċentivi baxxi għal fornitur ta' servizz universali biex itejjeb l-effiċjenza tiegħu u tista' tiskoraġġixxi d-dħul fis-suq. Fil-forma attwali tagħha, id-dispożizzjoni tad-Direttiva dwar il-fond ta' kumpens ma hijiex qiegħda taħdem bl-aħjar mod biex tiffinanzja s-servizz universali. Dan jista' jispjega wkoll għaliex l-Istati Membri rari ħafna jużaw dan il-mod ta' finanzjament tal-kostijiet netti tal-forniment ta' servizz universali.

2. Sejbiet relatati mal-istabbiliment ta' suq intern kompetittiv u li jiffunzjona tajjeb għas-servizzi postali

Id-Direttiva dwar is-Servizzi Postali kienet biss marġinalment effettiva fil-kontribut għall-kisba ta' suq intern u l-istimolu ta' kompetizzjoni effettiva fis-segment tal-posta tal-ittri. Il-ftuħ sħiħ tas-suq seħħ kif meħtieġ mid-Direttiva dwar is-Servizzi Postali iżda ftit li xejn hemm kompetizzjoni fis-segment tal-posta tal-ittri fl-Istati Membri kollha u l-ftuħ sħiħ tas-suq ma wassalx għall-feġġ ta' fornituri madwar l-Ewropa kollha ta' servizzi tal-posta tal-ittri. Il-promozzjoni ta' suq intern kompetittiv u li jiffunzjona tajjeb tibqa' valida u rilevanti għall-utenti postali, kemm għall-impriżi kif ukoll għall-impjegati, speċjalment fl-Istati Membri jew fir-reġjuni fejn kien hemm inqas tnaqqis fil-posta tal-ittri. L-evidenza turi li fejn kien hemm xi kompetizzjoni, dan irriżulta fi prezzijiet aktar baxxi, kwalità aħjar u aktar innovazzjoni. Ir-rispondenti għall-konsultazzjoni pubblika miftuħa tal-Kummissjoni jikkonfermaw li l-promozzjoni tal-kompetizzjoni għadha importanti.

In-nuqqas ta' dispożizzjonijiet aktar żviluppati dwar l-aċċess għan-network postali seta' kkontribwixxa għall-adozzjoni baxxa tal-kompetizzjoni fis-segment tal-posta tal-ittri

Ir-raġunijiet ewlenin għas-segment tal-posta tal-ittri kkonċentrat ħafna jinkludu kostijiet ta' dħul għoljin għal operaturi postali alternattivi u l-ħtieġa ta' ekonomiji ta' skala u ta' kamp ta' applikazzjoni sostanzjali filwaqt li s-suq kien u kontinwament qed jesperjenza volumi li qed jonqsu. Madankollu, in-nuqqas ta' regoli armonizzati li jippermettu lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jistabbilixxu termini għall-aċċess għan-network (li jipprevedu l-possibbiltà li tiġi introdotta l-kompetizzjoni *ex ante*), kif ukoll in-nuqqas ta' regoli ta' aċċess proċedurali (eż., setgħat ta' soluzzjoni tat-tilwim tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali) seta' kkontribwixxa wkoll għall-adozzjoni baxxa tal-kompetizzjoni fis-segment tal-posta tal-ittri.

L-evidenza disponibbli tissuġġerixxi li fl-Istati Membri fejn kien hemm xi kompetizzjoni, dan għen biex jiġu stimulati d-domanda u l-provvista u wassal għal prezzijiet aktar baxxi

Xi fornituri tas-servizz universali jargumentaw li l-ħtieġa ta' suq intern kompetittiv għas-servizzi postali jenħtieġ li tiġi vvalutata mill-ġdid fil-kuntest attwali tad-domanda dejjem tonqos għall-posta tal-ittri. L-argument huwa bbażat fuq tħassib li d-dħul selettiv fil-partijiet l-aktar profittabbli tas-segment tal-ittri minn operaturi kompetituri jagħmilha saħansitra aktar diffiċli li jiġi sostnut is-servizz universali, li diġà huwa ristrett minn tnaqqis fil-volumi tal-posta tal-ittri. Filwaqt li dan huwa argument importanti li għandu jiġi kkunsidrat, l-evidenza disponibbli ma tappoġġax dan it-tħassib. Għall-kuntrarju, l-evidenza tissuġġerixxi wkoll li fl-Istati Membri fejn kien hemm xi

kompetizzjoni, din għenet biex jiġu stimulati d-domanda u l-provvista u ppermettiet li s-suq tal-posta tal-ittri jespandi. Din ipprovdiet ukoll inċentivi għall-forniturі ta' servizz universali biex isiru aktar effiċjenti u b'hekk jikkontribwixxu għall-garanzija tas-servizz universali. B'mod importanti, l-evidenza disponibbli tissuġġerixxi li fejn l-aċċess għan-network tal-operatur stabbilit ingħata taħt kundizzjonijiet trasparenti u mhux diskriminatorji lil tipi differenti ta' operaturi u konsolidaturi, l-utenti postali, speċjalment in-negozji, ibbenefikaw minn prezzijiet aktar baxxi.

B'kuntrast għall-forniturі ta' servizz universali, il-Grupp ta' Regolaturi Ewropej għas-Servizzi tal-Posta jqis li l-promozzjoni tal-kompetizzjoni fis-swieq tal-posta tal-ittri għadha valida u importanti. Dan għaliex in-nuqqas ta' kompetizzjoni, jew saħansitra ta' kompetizzjoni potenzjali, iċaħħad lill-utenti mill-benefiċċji potenzjali f'termini tal-għażla tal-forniturі, prezzijiet aktar baxxi, kwalità aħjar u innovazzjoni tal-prodotti. Il-promozzjoni tal-kompetizzjoni hija partikolarment importanti fl-Istati Membri u fis-swieq fejn il-volumi tal-posta tal-ittri għadhom jew x'aktarx li jibqgħu sinifikanti bħal, pereżempju, il-posta f'volumi kbar minn spedituri kummerċjali kbar u mill-amministrazzjonijiet pubbliċi. Għalhekk jista' jkun hemm każ fejn ikun iġġustifikat ir-rieżami tad-dispożizzjonijiet dwar l-aċċess u t-trasparenza tal-prezzijiet.

L-użu tal-akkwist pubbliku għad-dežinjazzjoni tal-fornitur tas-servizz universali seta' kkontribwixxa għal kompetizzjoni akbar u wassal għal servizzi universali ta' kwalità ogħla u bi prezzijiet aktar raġonevoli

Sal-lum għadhom ma ntużawx proċeduri ta' akkwist biex jiġi żgurat il-forniment ta' servizz universali (ħlief f'każijiet limitati għad-distribuzzjoni tal-gazzetti), la għat-territorju kollu ta' Stat Membru u lanqas għal partijiet minnu, anki jekk l-akkwist pubbliku jista' jinkoraġġixxi l-kompetizzjoni. L-Istati Membri qed ikomplu jaħtru fornitur uniku ta' servizz universali għat-territorju nazzjonali kollu. L-informazzjoni disponibbli ma ppermettietx valutazzjoni xierqa tar-raġuni għaliex l-Istati Membri ma jużawx proċeduri ta' akkwist pubbliku. Minkejja l-fatt li l-volum tal-posta tal-ittri qiegħed jonqos, ma jistax jiġi eskluż li l-akkwist pubbliku xorta jista' jkun mezz rilevanti biex tiġi mħeġġa l-kompetizzjoni, speċjalment fl-Istati Membri u għas-segmenti tas-suq fejn il-posta tal-ittri għadha importanti. Il-kwistjoni jistħoqqilha aktar kunsiderazzjoni.

B'kuntrast għas-segment tal-posta tal-ittri, is-segment tal-kunsinna tal-pakketti huwa kompetittiv ħafna

L-iżviluppi fis-segment tal-kunsinna tal-pakketti huma f'kuntrast qawwi mal-iżviluppi fis-segment tal-posta tal-ittri. Għall-kuntrarju tal-posta tal-ittri fejn il-monopolju statutorju ġie abolit bl-emenda tal-2008 għad-Direttiva dwar is-Servizzi Postali, qatt ma kien hemm monopolju bħal dan għall-kunsinna tal-pakketti. Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, hemm il-kompetizzjoni fis-segment tal-kunsinna tal-pakketti, li wasslet għal titjib innovattiv fis-servizzi tal-kunsinna. Id-domanda qed tiżdied kontinwament l-aktar minħabba l-kummerċ elettroniku u l-għażliet għall-kunsinna tal-pakketti qed isegwu dan, għall-kuntrarju tax-xejra osservata fil-posta tal-ittri. Fl-istess ħin, minkejja dak li jista' jiġi mistenni minn ambjent kompetittiv effettiv b'volumi dejjem akbar, it-

tariffi pubbliċi tas-servizzi tal-kunsinna tal-pakketti qed jiżdiedu bil-mod. L-informazzjoni u l-evidenza miġbura għall-fini ta' din l-evalwazzjoni ma jippermettux li jinsiltu konklużjonijiet sodi dwar ir-raġunijiet wara din ix-xejra.

Ir-relazzjoni bejn ir-Regolament dwar servizzi tal-konsenja tal-pakketti transkonfini u d-Direttiva dwar is-Servizzi Postali

Sabiex tiżdied it-trasparenza fis-suq tal-kunsinna tal-pakketti tal-UE, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament dwar servizzi tal-konsenja tal-pakketti transkonfini fl-2018 bħala att legali awtonomu, indipendenti mid-Direttiva dwar is-Servizzi Postali. Ir-Regolament huwa att legali mmirat li jiffoka fuq is-sorveljanza regolatorja fir-rigward tas-servizzi tal-kunsinna tal-pakketti, fuq it-trasparenza u l-valutazzjoni ta' tariffi individwali għal servizzi tal-konsenja tal-pakketti transkonfini, u informazzjoni lill-konsumaturi dwar servizzi tal-konsenja tal-pakketti transkonfini.

B'mod partikolari, ir-Regolament iżid it-trasparenza tat-tariffi elenkati pubblikament għal ċerti pakketti individwali u jipprevedi proċedura ta' valutazzjoni biex jiġu identifikati t-tariffi li huma għoljin b'mod mhux raġonevoli. Dan jirrikjedi wkoll li l-fornituri tas-servizzi tal-konsenja tal-pakketti jirrapportaw ċerta informazzjoni ewlenija dwar l-attivitajiet tagħhom, inklużi l-fatturat, il-volumi, u l-persunal, lill-awtorità regolatorja nazzjonali fejn ikunu stabbiliti. Għalhekk, ir-Regolament jestendi s-sorveljanza regolatorja tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u jżid it-trasparenza għall-utenti ta' servizzi ta' kunsinna tal-pakketti individwali u mhux innegozjati. Fl-istess ħin, il-funzjonament tas-swieq transfruntiera tal-pakketti għall-biċċa l-kbira tal-volumi tal-kummerċ elettroniku, jiġifieri t-tariffi nnegozjati, ma huwiex soġġett għal mekkaniżmi speċifiċi ta' trasparenza, inklużi l-prinċipji li fuqhom huma bbażati l-istrutturi tariffarji għas-servizzi transfruntiera u domestiċi.

3. Sejbiet dwar il-prinċipji ta' armonizzazzjoni għar-regolamentazzjoni tas-servizzi postali

L-għan li jiġu stabbiliti prinċipji armonizzati għas-settur tas-servizzi postali kien li jinħolqu kundizzjonijiet kompetittivi simili għall-operaturi postali madwar l-UE. L-għan kien li jiġi ffaċilitat l-istabbiliment ta' fornituri ta' servizzi postali u li jiġi żgurat li l-utenti postali madwar l-UE jgawdu l-istess livell ta' servizzi postali. Madankollu, peress li d-Direttiva dwar is-Servizzi Postali hija direttiva ta' armonizzazzjoni minima u hija bbażata fuq il-prinċipji, seħħew differenzi fl-implimentazzjoni u fl-applikazzjoni nazzjonali. Peress li s-swieq postali għadhom diversi ħafna u jevolvu b'mod differenti u f'ħafna Stati Membri l-fornituri ta' servizz universali għadhom ikkontrollati mill-Istat, l-istabbiliment ta' sett ta' prinċipji armonizzati u imparzjali fil-livell tal-UE għar-regolamentazzjoni tas-settur postali jibqa' rilevanti kemm għas-Suq Uniku kif ukoll għall-kummerċ internazzjonali.

Ġie ddikjarat ripetutament li l-kunċetti eżistenti ma jippermettux delineazzjoni xierqa tas-suq u jiġu implimentati b'modi differenti, li twassal għal inċertezza legali u inkonsistenza

Id-definizzjonijiet attwali baqgħu l-istess mill-adozzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi Postali fl-1997. Ġie ddikjarat ripetutament li n-nuqqas ta' armonizzazzjoni tat-termini u d-definizzjonijiet tal-prodotti u s-servizzi postali wassal mhux biss għal frammentazzjoni legali u għal inċertezza legali iżda wkoll għal inkoerenza ma' oqfsa regolatorji oħra tal-UE, li jużaw l-istess termini iżda b'tifsira differenti. Rapport riċenti tal-Grupp ta' Regolaturi Ewropej għas-Servizzi tal-Posta jindika wkoll dawn il-kwistjonijiet, filwaqt li jenfasizza li fil-kuntest ta' suq postali li qed jinbidel, xi definizzjonijiet jistgħu ma jkoprux b'mod xieraq is-servizzi li jenħtieġ li jiġu kopruti minħabba x-xebh tagħhom mas-servizzi postali.

L-ebda waħda minn dawn ta' hawn fuq ma rriżultat fi problemi li jistgħu jitkejlu mill-perspettiva tal-fornituri tas-servizzi postali. Barra minn hekk, il-partijiet ikkonċernati ma setgħux juru impatt negattiv reali fuq il-fornituri u l-utenti tal-posta. L-evidenza disponibbli ma indikatx li kien hemm xi nuqqas ta' ċarezza li kkawża xi problema rilevanti fis-suq intern jew ostakli għad-dħul għall-fornituri tas-servizzi postali. Għall-kuntrarju, is-sitwazzjoni xi drabi pprovdiet lill-Istati Membri bi flessibbiltà ferm milqugħa fid-determinazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tar-regolament proprju tagħhom dwar is-servizzi postali.

Fl-istess ħin, huwa rikonoxxut li l-bidliet strutturali u teknoloġiċi fis-settur postali jistgħu inevitabbilment iqajmu dubji dwar ir-rilevanza u l-adegwatezza kontinwi tagħhom. Bi tweġiba għall-konsultazzjoni pubblika miftuħa tal-Kummissjoni, l-operaturi postali ffavorixxew il-preservazzjoni tad-definizzjonijiet attwali, filwaqt li l-maġġoranza tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali ffavorixxew rieżami ta' ċerti definizzjonijiet.

L-istandards tekniċi ma jintużawx biżżejjed u dan jista' jkollu impatt negattiv fuq l-interoperabbiltà

Fir-rigward tal-istandards tekniċi, l-evalwazzjoni tikkonkludi li l-istandardizzazzjoni postali ma wasslitx għal biżżejjed armonizzazzjoni u interoperabbiltà. L-interkonnessjoni tan-networks postali qed issir dejjem aktar rilevanti għall-promozzjoni tal-kwalità tas-servizz, tas-servizzi innovattivi u tal-interoperabbiltà Ewropea tal-operazzjonijiet tal-kunsinna tal-ittri u tal-pakketti. Bl-eċċezzjoni tal-istandard dwar il-kejl tal-kwalità tal-posta transfruntiera u l-istandard dwar l-indirizzar tal-ilmenti, l-istandards imfassla mill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni huma ta' natura volontarja. Fejn l-istandards ikunu obbligatorji, xorta ma jiġux applikati dejjem. Dan ifisser li l-fornituri ta' servizz universali kultant jużaw standards tekniċi differenti jew possibbilment ma jużaw l-ebda standard. Ma hemmx biżżejjed informazzjoni dwar l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni effettivi tal-istandards volontarji mill-operaturi postali. Is-sitwazzjoni tnaqqas iċ-ċarezza u ċ-ċertezza legali u tista' twassal għal kostijiet u kwistjonijiet ta' interoperabbiltà bla bżonn. Għalhekk, jista' jkun hemm każ li jiġġustifika l-valutazzjoni tal-użu tal-istandards mill-operaturi postali.

Is-sorveljanza mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali tjiebet

L-allinjament tad-Direttiva ma' dispożizzjonijiet ta' indipendenza qawwija bħal dawk fil-Kodiċi Ewropew tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi jidher li huwa mod effettiv biex jiġi żgurat li, fl-eżerċizzju tal-kompiti tagħha, awtorità regolatorja nazzjonali tkun protetta minn intervent estern jew pressjoni politika li tista' tipperikola l-valutazzjoni indipendenti tagħha ta' kwistjonijiet li jiġu quddiemha. Matul il-perjodu ta' referenza, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali rċevew aktar informazzjoni u informazzjoni aħjar biex iwettqu l-kompiti tagħhom u bħala konsegwenza s-sorveljanza regolatorja espandiet u tjiebet b'mod sinifikanti, bl-eċċezzjoni tal-informazzjoni dwar it-tariffi terminali, kif innotat hawn fuq. Hekk kif aktar u aktar kwistjonijiet transfruntiera saru parti integrali mill-attività regolatorja, il-kooperazzjoni mill-qrib tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali tikkontribwixxi għal approċċ aktar konsistenti u armonizzat fost l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali fl-infurzar tad-Direttiva.

IV. IL-FUTUR: KONKLUŻJONIJIET U ASPETTATTIVI

Sabiex jiġi żgurat li l-operaturi u l-utenti tal-posta jkunu jistgħu jibbenefikaw bis-sħiħ mill-iżviluppi teknoloġiċi, mill-innovazzjoni u mill-kummerċ elettroniku, filwaqt li jiġi żgurat ukoll il-forniment kontinwu ta' servizz universali bi prezz raġonevoli u ta' kwalità għolja, huwa xieraq li jkun ibbażat fuq l-evalwazzjoni u l-esperjenza ta' aktar minn 20 sena ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi Postali biex jiġi esplorat ulterjorment l-adattament potenzjali fil-futur tal-qafas regolatorju b'mod li jipprovdi wkoll il-kundizzjonijiet meħtieġa biex is-servizz postali tal-UE jkompli jaqdi r-rwol tiegħu fl-ekonomija b'mod effettiv. Kwalunkwe pass bħal dan irid ikun koerenti wkoll ma', u jappoġġa, azzjonijiet orizzontali fil-livell tal-UE meħuda fil-kuntest tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u tal-Aġenda Diġitali għall-Ewropa. B'dan il-mod, il-Kummissjoni se tkompli bl-isforzi tagħha biex tikkomunika mal-Istati Membri u ma' partijiet ikkonċernati oħrajn.